**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 1256/2021GG**

**Dr. George-Ionut Mirea (KI 187535A) f'ismu propju u f'isem u ghan-nom tas-socjeta' kummercjali Vet Medical Services Ltd (C-86481)**

**vs.**

**Zenith Trading Limited (C 71382), Luca Pongiluppi (Passaport Taljan Nru: YB3075167 u AA3717902) u Ayna Khammaeva (Passaport Nru: 51NO5909518)**

**Kawza Nru: 4**

Illum 30 ta' Ottubru, 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat[1] ta' Dr. George-Ionut Mirea pprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-21 ta' Dicembru 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

> Illi r-rikorrenti jiggestixxi l-klinika veterinarja Dr. Trevor's Veterinary Clinic u ried jaghmel refurbishment totali tal-ghamara

[1] Fol. 1 sa 6

li ghaliha nghata kwotazzjoni ta' tlieta u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (EUR33.153.51) minghand is-socjeta' intimata Zenith Trading Limited (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A').

Illi r-rikorrenti ghadda l-hlas intier fis-somma ta' tlieta u tletin elf mija u tlieta u hamsin Ewro u wiehed u hamsin (EUR33.153.51) permezz ta' zewg bank transfers fil-kont bankarju esteru lilu indikat (kopji hawn annessi bhala Doks. 'B' u 'C').

Illi r-rikorrent ivverifika u kkonferma illi l-ordni ghall-ghamara qatt ma saret u minflok il-flus minnu mibghuta gew immizapproprijati mill-intimati Luca Pongiluppi u Ayna Khammaeva jew min minnhom.

Illi mix-xoghol kollu ordnat gie ezegwit biss item 33 – gypsum board work with lowering of the ceiling, installation of LED type spot lamps, including materials and labour – b'valur ta' elfejn hames mija u sitta u disghin ewro (EUR2.596.00)

Illi ghalhekk l-ammont li ghandu jigi rifluz lir-rikorrent mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom huwa ta' tletin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu EUR30,557.51), ghal liema somma qed issir din il-kawza.

Illi l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom fis-somma tletin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu EUR30,557.51) huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi biex jilqghu ghat-talbiet tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati li qed jigu minnu konfermati bil-gurament.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega skond il-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa ta' smigh u skond proceduri specjali sommarji kif stabbiliti fil-ligi.

Illi peress li l-intimati Luca Pongiluppi u Ayna Khammacva ma jifhmux bil-Malti dan l-att qed jigi prezentat ukoll bil-lingwa Ingliza kif rikjest mill-ligi,

Jghidu ghalhekk l-intimat flimkien u solidalment bejniethom ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi din il-kawza skond procedura specjali sommarja;

(ii) Tiddikjara illi l-intimati flimkien u solidalment bejniethom huma veri, certi u likwidi debituri tar-rikorrenti fis-somma tletin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu EUR30,557.51) ghar-ragunijiet hawn fuq esposti; u

(iii) Konswegwentament tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom is-somma ta' tletin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu EUR30,557.51).

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali mid-data ta' kull hlas maghmul mir-rikorrent sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[2].

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta Zenith Trading Limited.[3]

[2] Fol. 7 sa 12

[3] Fol. 16

Rat li, fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2022[4], din il-Qorti (diversament presjeduta) iddikjarat li l-konvenuti Pongiluppi u Khammaeva ghandhom eccezzjonijiet *prima facie* fil-ligi jew fil-fatt xi jgibu kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, u konsegwentement akkordatilhom id-dritt li jressqu Risposta Guramentata.

Rat ir-Risposta Guramentata[5] tal-konvenuti Luca Pongiluppi u Ayna Khammaeva li biha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti ma humiex il-legittimi kontradittauri ta' l-azzjoni attriċi stante li huma ma ghandhomx relazzjoni ġuridika mal-attur pro et noe, qatt ma kkuntrattaw ma' l-attur pro et noe f'isimhom personali u l-atturi pro et noe qatt ma hallas flejjes lilhom personalment u konsegwentament ghandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-esponenti personalment huma bla ebda bażi fattwali u ġuridika:

   i. Illi, ma hux minnu li l-flejjes mhallsa mir-rikorrenti gew misappropjati mill-esponenti personalment;
   ii. Illi, l-flejjes mhallsa mir-rikorrenti gew mhalsa f'kont tas-socjeta' Zenith Trading Ltd u intużaw esklussivament ghal spejjez tal-istess socjeta' Zenith Trading Ltd u dan, kif ser jiġu ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;
   iii. Illi, kif ser jiġi pruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri l-esponenti bieghu assi personali taghhom sabiex jaghmlu tajjeb ghad-djun ta' Zenith Trading Ltd;

[4] Fol. 21 sa 22
[5] Fol. 23 sa 26

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk dak li qed jipprospetta l-atturi hija azzjoni li taqa fil-parametri ta' fraudulent trading jew wrongful trading, l-azzjoni attriċi hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu tali azzjoni tista ssir biss f'ambitu ta' strlac ta' soċjetà kummerċjali mentri l-kawza odjerna hija kawża għal kanonizzazzjoni ta' kreditu;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif se jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponenti m'għandhomx ibgħatu l-ispejjez ta' din il-procedura.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Semgħet lix-xhieda mressqa minnhom.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-miktub imressqa mill-attur *proprio et nomine.*

**Ikkunsidrat li:**

1. Mill-affidavit tal-attur jemergi li huwa għandu kumpanija, jisimha Vet Medical Services Limited, li biha jiggestixxi klinika ta' veterinarju f'H'Attard u li ha bi twillija mingħand il-veterinarju Dr. Trevor Zammit b'effett mill-1 ta' Gunju 2018 (Dr. Trevor's Veterinary Clinic) u wara li ha kontroll tal-impriza ddecieda li jagħmel xogħlijiet ta' tisbieh fiha. Is-sieħba tiegħu Roxianne Gauci kienet taf lill-konvenuta Ayna Khammaeva, li kienet diga' klijenta tagħhom, u li din u s-sieheb

taghha, li huwa Taljan, kellhom negozju ta' arredamenti tal-ghamara. B'hekk giet li kkomunikaw mal-konvenuti, u mad-disinjatrici taghhom (certa Anna Bruhanov) li attendiet fil-klinika u hadet il-qisien ta' x'kellhom bzonn.

2. L-attur ikompli jghid li, xi zmien wara, huma rcevew id-disinni u stima fl-ammont ta' €33,153.51 (tlieta u tletin elf mija u tlieta u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu). L-istima hargitha s-socjeta' konvenuta Zenith Trading Limited, li hu ma kienx jaf min kienet jew li kienet tezisti ghaliex d-diskussjonijiet dejjem saru personalment ma' Ayna Khammaeva. Jghid illi kien mitlub hlas fl-intier minn qabel u ghal dan il-ghan ghamel zewg pagamenti, wiehed ta' €20,000 (ghoxrin elf Ewro) u iehor ta' €13,153.51 (tlettax-il elf mija u tlieta u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu) mibghuta fil-kont bankarju barrani indikat minn Ayna Khammaeva.

3. L-attur zied jghid li l-ghamara kellha tkun konsenjata fi zmien mija u ghoxrin jum, izda minkejja li ghadda dan iz-zmien l-ghamara baqghet ma waslitx. Saru xoghlijiet preparatorji, konsistenti fit-tqeghid ta' saqaf falz li kienu parti mill-ftehim, u filfatt huwa naqqas il-prezz ta' dan ix-xoghol mill-bilanc li qed jitlob ir-rimbors tieghu biex jirrifletti l-prezz ta' dawk ix-xogholijiet ezegwit mill-konvenuti.[6]

4. Skond l-attur, l-ghamara baqghet ma waslitx u s-siehba tieghu bdiet tikkomunika mal-konvenuta Ayna Khammaeva rigward id-data tal-konsenja. Kien mressqa diversi skuzi, u anke data meta kellha tasal l-ghamara pero' xorta wahda baqa' ma gie xejn. Fil-frattemp, ghamlet kuntatt mieghu d-disinjatrici Anna Bruhanova, li offrietlu li tivverifika mal-fornitur Taljan jekk l-ghamra kinetx ordnata u mahduma u wara xi zmien, din infurmatu li dawn gharrfuha li l-konvenut Luca Pongiluppi kien talabhom stima, imma qatt ma ordna l-ghamara.[7] Eventwalment, billi l-ghamara baqghet ma waslitx u l-attur kellu bzonnha, rega' kkomunika mad-disinjatrici biex jara jistghax ordna l-ghamara mehtiega direttament minghand l-istess fornitur.

In kontroezami[8], l-attur insista li l-konvenuti personalment hadu l-inkarigu minghandu u dahlu f'kuntrattazzjoni mieghu, u li l-kumpanija konvenuta kienet indikata biss fuq il-fattura, u li l-hlas

[6] Item 33 fl-ammont ta' €2596, ara fol. 10
[7] Fol. 34 sa 38
[8] Ara xiehda, 10.1.2024, fol. 75 sa 81

ghadda fil-kont bankarju taghha ossia tal-kumpanija minnha indikata.

5. Ix-xhud Roxianne Gauci[9], kkonfermat li flimkien mal-attur kienu ftiehmu li jirrinovaw il-klinika l-gdida li hadu bi twillija minghand veterinarju iehor f'H'Attard, u li kienet introdotta mad-disinjatrici Bruhanova mill-principal precedenti taghha Neil Bonavia. Din zaret il-klinika, u hejjiet id-disinni. Xi zmien wara, ircevew id-disinni u l-istima, fis-somma ta' €33,153.51. L-intestatura tal-istima kienet taqra "Zenith Trading Limited", imma din qatt ma ssemmiet fil-komunikazzjonijiet li kellhom mal-konvenuti Ayna Khammaeva u Luca Pongiluppi. Il-hlas sar fil-kont barrani indikat minn Ayna Khammaeva, pero' l-ghamara qatt ma wasslet u kien sar biss xoghol zghir preparatorju minkejja skuzi u weghdiet. Id-disinjatrici kkomunikat maghhom, ghaliex hija wkoll ma kinetx komda li l-ghamara ma waslitx, u minn verifiki li ghamlet mal-fornitur Taljan, l-ordni taghha qatt ma kienet konfermata. Minhabba f'hekk, u minhabba li l-attur ma setax jibqa' jistenna, kellu jerga' jhallas biex effettivament tkun konsenjata l-ghamara.

6. Ix-xhud Anna Bruhanova[10] qalet li xogholha huwa ta' *interior designer*. Hija hadmet mal-konvenuti Khammaeva u Pongiluppi, ghaliex gieli qabbduha taghmel disinni ghal klijenti taghhom u fost dawn, kien hemm l-attur. Wara li zaret il-klinika tieghu f'H'Attard, u tathom xi ideat, ppreparat ukoll id-disinni u ghaddiet id-disinni u t-taghrif mehtieg biex issir l-ordni lill-konvenuta Khammaeva, li ottjeniet stima, li kienet tehtieg xi korrezzjonijiet, u mbaghad l-istess konvenuta mpenjat ruhha li tikkonferma l-ordni. L-ghamara pero' baqghet ma waslitx, u eventwalment ix-xhud ikkomunikat mal-fornitur Taljan li gharrafha li l-ordni qatt ma kienet konfermata. Il-konvenuta waqqfet kull komunikazzjoni maghha, u mbaghad ghenet lill-attur biex jixtri l-ghamara mill-gdid, bi prezz irhas, u minghand mastrudaxxa lokali.

7. L-attur ressaq ukoll b'xhud tieghu lill-konvenut Luca Pongiluppi[11]. Huwa kkonferma li kien ircieva ordni minghand l-attur biex jaghmillu xoghlijiet ta' rinovar fi klinika ta' veterinarju f'H'Attard bil-prezz kif indikat mill-attur. Ikkonferma li x-xoghol tal-*gypsum* filfatt sar, u wkoll li thallas il-prezz tax-xoghol kollu f'Gunju

[9] Fol. 44 sa 45
[10] Fol. 46
[11] Ara xiehda, 27.9.2022. fol. 49 sa 59

2020. Ikkonferma li l-ghamara kellha tinxtara, u tkun konsenjata, minn Lori Progetti Veterinari, pero' qal li l-flus qatt ma baghathomlhom ghax *"at the beginning there were some problems with the project, with the measure of the, because some items to make custom, to make custom measure, so at the beginning of the first project was not right, because the measure was different from reality, so we send a designer to take his right measure, ok*[12] *... she completed and the supplier say I have problem on custom realization because we are focused on standard, so we arranged to find a solution with the supplier, and at the end we arrived at the final destination, we arrived at the final quotation for this project*[13].

9. Mistoqsi x'ghamel bil-flus li rcieva minghand l-attur, il-konvenut Pongiluppi wiegeb li *"It was a problem, it was for a moment without works, and so we spent our money for the company and because there is a difficult moment, our job, sorry if I cannot explain it, our job is one project after one project, and there is a sort of come si dice, susseguire ... In this time with the works we stopped completely, we have project we were ... and then we were in a very difficult, low liquidity and so we cannot go on with the project"*[14]. Huwa ammetta li l-flus m'uzawhomx biex jixtru l-ghamara ghall-attur, kif kuntrattat, imma ghal bzonnijiet ohra tal-kumpanija f'mument meta l-likwidita' taghha kienet ristretta, u mpenja ruhu li jirrifondi l-flus lill-attur sal-ahhar tas-sena kurrenti meta kien qed jixhed.[15] Accetta wkoll li l-attur kien ikkoncedielhom aktar zmien biex jaqduh, pero' baqghu ma waslux.

10. L-attur ressaq ukoll b'xhud tieghu lill-konvenuta Ayna Khammaeva[16], li kkonfermat id-dikjarazzjonijiet kollha maghmula mill-konvenut l-iehor.

**Ikkunsidrat li:**

12. Hafna mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma pacifici bejn il-partijiet. Hemm qbil li l-attur ikkomunika mal-konvenuti Pongiluppi u Khammaeva biex inkarigahom jarmawlu klinika ta' veterinarju; hemm qbil li dawn ingaggaw disinjatrici li ppreparat id-disinni u hadet il-kejl, hemm qbil li l-attur ircieva fattura ghax-xiri tal-ghamara, u x-xoghol, intestata fuq is-socjeta' konvenuta, u li accettaha, u hallas l-ammont dovut qabel il-konsenja fil-kont

[12] Fol. 54
[13] Fol. 55
[14] Fol. 55
[15] Fol. 56
[16] Ara xiehda, 27.9.2022, fol. 60 sa 61

bankarju tal-istess kumpanija indikat lilu mill-konvenuti l-ohra. Hemm qbil ukoll li l-ordni mal-fornitur esteru ma kienitx konfermata, u l-ghamara qatt ma kienet konsenjata, filwaqt li l-flus ma kienux rimborsati lill-attur.

13. Is-socjeta' konvenuta ammettiet li ghandha thallas il-bilanc reklamat b'din l-azzjoni lill-attur, in linea ta' rimbors ta' flus avvanzati lilha ghal servizzi li ma wettqitx.

14. L-unika divergenza bejn il-partijiet hija jekk il-konvenuti Pongiluppi u Khammaeva ghandhomx ikunu dikjarati debituri solidali mal-kumpanija ghall-ammont reklamat mill-attur b'din l-azzjoni. L-attur jghid li hekk ghandu jkun, ghax qarrqu bih, u *ex admissis*, uzaw il-flus tal-kumpanija ghal negozju iehor taghha, u allura tikkonkludi din il-Qorti, b'qerq; filwaqt li l-konvenuti jghidu li personalment ma kellhomx ebda involviment f'din il-kuntrattazzjoni, u ghalhekk lanqas ghandhom responsabbilta' ghar-rimbors.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

15. Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-attur ikkoncentra fuq l-izvilupp gurisprudenzjali taghna – fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet cari fil-ligi civili jew kummercjali, u cioe' barra mill-parametri stretti tal-ligi dwar il-kumpanniji – dwar il-kwistjoni tar-responsabbilta' personali tad-diretturi jew azzjonisti ta' kumpanija, ghall-agir jew nuqqasijiet tal-kumpanija, u allura ghat-twettiq tal-obbligi taghha minkejja li din hija vestita b'personalita' guridika separata u indipendenti minnhom. L-accenn fir-rassenja gurisprudenzjali moghtija hija ghac-cirkostanzi fejn id-direttur, azzjonist jew rapprezentant tal-kumpanija jkun mexa hazin, abbuza mill-fiducja jew mill-bwona fede tat-terz li jikkuntratta mal-kumpannija, u dan ghall-gwadann tieghu personali, jew tal-kumpannija lil hinn mir-relazzjoni kuntrattwali taghha mat-terz.

16. Il-konvenuti Pongiluppi u Khammaeva *ex admissis* jirraprezentaw lis-socjeta' konvenuta u li dahlu ghal dan in-negozju f'isimha. Ghalkemm ma tressqitx prova aktar diretta kif mistenni f'kawzi ta' din ix-xorta, jibqa' l-fatt illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti mhux biss mhix kontradetta izda ukoll konfermata mill-istess konvenuti fix-xiehda taghhom. Ghalhekk ma hemmx dubju f'dan il-kaz li l-konvenuti Pongiluppi u Khammaeva, bhala rapprezentanti u

diligenti tas-socjeta' konvenuta Zenith Trading Limited[17] naqsu fit-twettiq tad-dmirijiet taghhom bhala tali fir-relazzjoni taghha mal-attur. Huma jaccettaw li l-flus li l-attur iddepozita fil-kont tal-kumpanija, kif dirett minnhom, effettivament hadu kontroll taghhom, u uzawhom ghal negozju li m'ghandux x'jaqsam mieghu l-attur. Minn dan kollu, lill-attur ma qalulu xejn, anzi – b'qerq u frodi car – baqghu jittamawh ghal xhur u snin li l-inkarigu moghti minnu kien ser jitwettaq kif miftiehem.

17. Din il-Qorti tirreferi ghal pronunzjament ricenti tal-Qorti tal-Appell fil-materja fis-sentenza **David Buhagiar et vs CFS Construction Ltd et**[18], fejn jinghad dan:

> *75. Huwa minnu illi l-kunċett tar-responsabbiltà personali tad-direttur ta' soċjetà ta' responsabbiltà limitata, ġeneralment magħruf bħala lifting of the corporate veil, jista' jsib riskontru f'azzjonijiet għal responsabbiltà għal kummerċ bi frodi u kummerċ ħażin. Dwar dan, jiġi osservat illi huwa wkoll paċifiku illi l-kunċetti ta' wrongful trading u fraudulent trading jista' jkollhom relevanza biss fil-kuntest ta' proċeduri għall-istralċ ta' kumpanija, b'mod illi jekk kumpanija ma tkunx fil-proċess ta' stralċ, kwalunkwe konsiderazzjoni dwar eżerċizzju ta' kummerċ bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri jew dwar kummerċ ħażin, ma hijiex ammissibbli.*
> *76. Madankollu, kif ġie spjegat fis-sentenza Salvina sive Sylvia Bugeja v. Albert Debono et, deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Settembru, 2019:*
> *«Kien hemm diversi okkażjonijiet fejn il-Qrati tagħna warrbu l-velu ta' soċjetà kummerċjali, b'personalità ġuridika separata u sabu diretturi jew azzjonisti personalment responsabbli, minkejja li l-proċeduri ma kinux jitrattaw proċeduri ta' stralċ. Hawn mhux każ ta' allegazzjoni ta' fraudulent jew wrongful trading fil-konfront ta' soċjetà kummerċjali fejn allura japplikaw prinċipji oħra.»*

U kompliet l-istess Qorti:

> *77. Din il-Qorti għalhekk tikkonferma illi kemm-il darba jirriżulta aġir in mala fede, huwa tabilħaqq xieraq u idoneju illi l-Qorti twarrab il-velu ta' soċjetà kummerċjali, biex b'hekk l-istess*

[17] Ma tressqet ebda prova dwar l-involviment taghhom fil-kumpanija, pero' l-istess konvenuti ma cahdux li huma ufficjali jew rapprezentanti legittimi taghha
[18] Rik. Gur. 843/2014/1, deciza 23.5.2024

> *persuna li taġixxi f'isem il-kumpanija ma tinħebiex wara l-personalità ġuridika ta' kumpanija filwaqtli xxejjen il-konsegwenzi tal-aġir tagħha, u dan anke jekk ma tkunx saret talba ad hoc sabiex dan isir. Naturalment, il-mala fede trid tiġi manifestata f'ingann ta' ċertu gravità (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited*** *deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2023).*
>
> *…*
>
> *79. Hu ċar illi d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti hu fost l-aqwa drittijiet, li fl-eżerċizzju tiegħu ċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel. Jinkombi fuq iċ-ċittadin però d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża jkun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'tali abbuż (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2024 fl-ismijiet* ***Edward Pavia v. Dr Joseph Ellis et nomine****).*

18. Din il-Qorti jidhrilha li l-istess kunsiderazzjonijiet dwar *mala fede*, u l-istess konsegwenzi ghaliha, ghandhom japplikaw f'dan il-kaz. Il-kuntrattazzjoni ghall-fornitura tal-ghamara, u ghall-ghoti tas-servizzi ancillari, saret bejn l-attur u l-kumpanija konvenuta, ghaliex il-fattura hargitha hi, l-attur accettaha, u hallas kif dirett mir-rapprezentanti taghha, anke jekk precedentement ma kinux iddikjaraw car li kienu qed jinnegozjaw mieghu f'dik il-vesti. Pero' l-konvenuti ma kellhom ebda jedd jutilizzaw dak il-hlas ghat-twettiq ta' obbligi ohra tal-kumpanija – kif allega li ghamlu l-konvenut Pongiluppi - u wisq anqas iqarrqu bl-attur u jibqghu jittamawh li l-kumpannija ser tadempixxi l-obbligi taghha lejh, meta volutament ghazlu li ma jhallux lill-kumpannija taghmel dan meta ma kkonfermawx l-ordni mal-fornitur esteru taghha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti Luca Pongiluppi u Ayna Khammaeva, u tilqa' l-bqija tat-talbiet attrici kif imressqa u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom veri, certi u likwidi debituri tal-atturi fis-somma ta' tletin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu EUR30,557.51); u**

2. **Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' tletin elf, hames mija u sebgha u hamsin Ewro u wiehed u hamsin centezmu EUR30,557.51).**

**Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali mid-data ta' kull hlas maghmul mill-atturi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti solidalment bejnithom.**

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur